MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 390/2008

**AB**
**vs**
**C D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi r-rikorrenti dahlet f' cerimonja ta' zwieg mal-intimat C D E fis-sebgha ta' Settembru, elfejn u erbgha (07.09.2004) gewwa l-Knisja ta' Lapsi ta' San Giljan, (kopja ta' liema certifikat taz-zwieg annessa bhala Dok. A), minn liema zwieg ma twieldux tfal;

2. Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li

taghmilha impossibli ghal dik il-parti illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

3. Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew atar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

4. Illi l-konvenut ma kellux fiz-zmien illi sar iz-zwieg setghet intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg;

5. Illi hija taf dawn il-fatti personalment;

6. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null ai termini tas-subartikoli 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) u/jew 19(1)(h) tal-Kap. 255;

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk tordna li ssir ir-registrazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament ingunt ghazel li jibqa' kontumaci;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kkuntrattat mal-konvenut fis-7 ta' Settembru 2004 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-

konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d],[f] u [h], ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta mhux kontraddett li l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Settembru 2004 meta allura, l-attrici, cittadina maltija, kellha 28 u l-konvenut, cittadin irlandiz, kellu 26 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin tlett snin. L-attrici kienet ghadha kemm iggradwat bhala psikologa, filwaqt li l-konvenut kien jahdem bhala electrician. Wara konvivenza matrimonjali ta' hdax [11] il-xahar u tlett gimghat, il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali.

Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-attrici tispjega li konvivenza matrimonjali taghhom kienet taht stress kontinwu mill-bidunett; u dan, minhabba li l-konvenut kien ikun depressat u kien jaghmel hafna hin fis-sodda. Tghid li l-konvenut kien ragel kbir u ohxon u kellu kumpless kbir minhabba l-istatura tieghu, tant li kien ghamel zmien li ma kienx ried li martu tarah gharwien. Dan il-fatt kien jinterferixxi mhux bil-ftit fir-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom, izda l-attrici kienet tipprova tghinu, u taghmel dak li tista' biex anke tghinu johrog minn dan il-kumpless u mill-istat dipressiv li kien ikun bih. Tghid pero' li, ghalkemm qabel iz-zwieg huwa kien jidher li l-konvenut kien dispost li jikkoopera maghha, izda "once we were married, he completely closed up, ma kienx hemm komunikazzjoni minn naha tieghu."[1] Huwa kien jiekol b' mod eccessiv, u anke bil-mohbi ta' l-attrici. Wara ftit xhur ta' konvivenza matrimonjali, il-konvenut telaq mid-dar konjugali ghal kollox.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi minnbarra l-premess, l-attrici ssemmi fatturi ohra li juru li l-komportament tal-konvenut fiz-zwieg kien tali li kienet impossibbli li l-partijiet jibnu bejniethom "a community of love and life" u dan unikament minhabba l-fatturi li kien ibati minnhom il-konvenut.

[1] Dep.fol.64

F’ dan il-kaz din il-qorti tirravviza da parti tal-konvenut l-eziztenza tal-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta’ l-artikolu precitat; u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddiecidi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta’ Settembru 2004.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------